MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 706/2009

**Concetta Agius (ID No 825836M)**

***kontra***

**John Agius (ID No 920047M) u b`digriet tas-16 ta` Settembru 2011 gie kjamat fil-kawza Mark Briffa**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-20 ta` Lulju 2009 li jaqra hekk –

*Illi fil-11 ta` Dicembru 2006, l-esponenti ffirmat prokura (kopja annessa Dok B) favur Mark Briffa, impjegat bhala skrivan man-Nutar Dottor Pierre Falzon fejn awtorizzatu jbiegh il-fond residenza taghha 18 Sqaq l-Ajkla Marsa lil huha l-intimat John Agius ;*

*Illi l-ghada 12 ta` Dicembru 2006 b`kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon (kopja annessa Dok C) l-imsemmi Mark Briffa bis-sahha tal-prokura hawn fuq imsemmija ttrasferixxa l-fond imsemmi lill-intimat ghall-prezz ta` Lm10,000 (ghaxart elef lira Maltin) mil-liema ammont fil-fatt hija qatt ma hadet xejn ;*

*Illi l-kunsens tar-rikorrenti meta ffirmat il-prokura favur Mark Briffa kien ivvizzjat peress li l-istess ittiehed b`qerq u ingann stante li dak li riedet tiffirma ghalih kien testment u hija nghatat l-impressjoni li dak li qed tiffirma ghalih kien fil-fatt testment u mhux prokura sabiex ir-residenza taghha tigi trasferita lil huha l-intimat ;*

*Illi ghalhekk per konsegwenza tal-premess il-kunsens taghha ghall-kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon permezz ta` liema l-imsemmi Mark Briffa ghan-nom taghha ttrasferixxa favur l-intimat il-fond 18 Sqaq l-Ajkla Marsa huwa wkoll ivvizzjat peress li gie mehud b`qerq u ingann u frodi ;*

*Illi l-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment.*

*Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi :*

*1. Il-kunsens taghha meta tat il-prokura lil Mark Briffa fil-11 ta` Dicembru 2006 kien ivvizzjat stante li ttiehed b`qerq, ingann u frodi u li konsegwentement il-*

*kunsens taghha ghall-kuntratt ta` bejgh tal-fond 18, Sqaq l-Ajkla Marsa datat 12 ta` Dicembru 2006 kien ivvizzjat ukoll ghall-istess ragunijiet;*

*2. Tiddikjara ghalhekk null u bla effett il-kuntratt tat-12 ta` Dicembru 2006 fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Falzon li jirrigwarda t-trasferiment mir-rikorrenti lill-intimat tal-fond 18, Sqaq l-Ajkla, Marsa.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici u l-elenku tad-dokumenti esebiti minnha.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li kienet prezentata fit-<u>30 ta` Ottubru 2009</u> li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament il-gudizzju ma jistax ikun wiehed integru u dana peress illi Mark Briffa kontraent fuq kuntratt mertu ta` din l-istanza ma huwiex parti minn dawn il-proceduri ;*

*2. Illi wkoll in linea preliminari t-talbiet kif postulati huma nsostenibbli fil-mankanza ta` talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li permezz taghha l-prokura mertu tal-proceduri odjerni tigi annullata ;*

*3. Illi wkoll in linea preliminari l-azzjoni kif esperita hija perenta u dan a tenur ta` artikolu 1222 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi dejjem kienet l-intenzjoni tar-rikorrenti illi tittrasferixxi l-fond lill-esponent u dana kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta` Novembru 2009 fejn il-partijiet qablu li tigi trattata u deciza it-tielet eccezzjoni tal-konvenut.

Semghet il-provi tal-partijiet u s-sottomissjonijiet taghhom dwar it-tielet eccezzjoni.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Gunju 2011 fejn, filwaqt li rriservat li tipprovdi fi stadju ulterjuri dwar it-talba tal-attrici ghall-kjamata fil-kawza ta` Mark Briffa, ipprovdiet li f`dak l-istadju kienet sejra tiddeciedi t-tielet eccezzjoni tal-konvenut.

Rat is-sentenza taghha tas-16 ta` Settembru 2011 fejn cahdet it-tielet eccezzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta` Settembru 2011 fejn il-konvenut iddikjara li ma kienx qieghed jopponi l-kjamata fil-kawza ta` Mark Briffa u ghalhekk din il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawza tal-istess Mark Briffa.

Rat illi ghalkemm il-kjamat fil-kawza kien notifikat skond il-ligi, ma pprezentax risposta guramentata.

Semghet u qieset il-provi tal-partijiet u s-sottomissjonijiet taghhom dwar il-mertu.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta` Settembru 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. Provi

L-attrici hija wahda minn sebat ahwa. Illum fadal sitta hajjin fosthom il-konvenut. L-attrici hija xebba u toqghod 18, Sqaq l-Ajkla, Marsa. Xtrat dan il-post fit-**30 ta` Mejju 1964** bis-sahha ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Felix Abela.

Sal-2004, il-konvenut kien residenti l-Ingilterra pero` kien jigi Malta ghall-btala u meta kien jigi kien joqghod ghand l-attrici. Fil-fatt meta rega` lura Malta ghal kollox, mar joqghod ghand l-attrici.

Fit-**3 ta` Settembru 1987**, l-attrici ghamlet testment fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Bugeja fejn fl-ewwel artiklu rrevokat kwalsiasi testment li setghet ghamlet qabel dak u fit-tieni artikolu ddisponiet hekk –

*It-testatrici tinnomina eredi universali u padrun assolut ta` gidha kollha, prezent u futur, mobili u immobili, lil huha Giovanni sive` Vanni Agius, u dana biss jekk huwa jibqa` guvni. Jekk l-imsemmi Giovanni sive` Vanni Agius jizzewweg, it-testatrici trid u tordna li huwa ma jibqax uniku eredi universali taghha, imma fil-kaz li jizzewweg it-testatrici tinnomina u tistitwixxi eredi universali u padruni assoluti ta` gidha kollha, prezent u futur, mobili u immobili, lil hutha, Emanuel, Annie mart George Zammit, Carmelo, Spiridione, Alfred kif ukoll lill-imsemmi Giovanni sive` Vanni, fi kwoti ndaqs bejniethom bis-sostituzzjoni volgari ghal uliedhom u in mankanza ta` dawn bid-dritt ta` l-akkrexximent bejniethom.*

Fil-**11 ta` Dicembru 2006**, fl-ufficcju tan-Nutar Dottor Pierre Falzon go Hat-Attard, prezenti l-attrici, il-konvenut u Doreen Abdilla li hija l-*partner* tal-konvenut, saret prokura fejn kien mahtur il-kjamat fil-kawza bhala mandatarju specjali tal-attrici. Il-kjamat fil-kawza jahdem bhala segretarju fl-ufficcju tan-Nutar Falzon. Il-kjamat fil-kawza ma kienx prezenti meta saret il-prokura. Fil-prokura dahal il-kliem – *valid only for the sale and transfer of my house at 18 Sqaq l-Ajkla Marsa and subject to usufruct in favour of mandator.* Mhux kontestat illi l-firma tal-attrici tidher fuq dak id-dokument.

L-ghada **12 ta` Dicembru 2006**, in-Nutar Falzon ippubblika kuntratt fl-ufficcju tieghu tal-Belt fejn il-kjamat fil-kawza, bhala mandatarju specjali tal-attrici, biegh u ttrasferixxa lill-konvenut il-fond 18, Sqaq l-Ajkla, Marsa, ghall-prezz ta` Lm10,000, soggett ghall-uzu u uzufrutt tal-attrici matul hajjitha. Il-kuntratt kien ta` bejgh mhux ta` donazzjoni.

Saru provi dwar il-prokura u l-kuntratt, li huma l-mertu tal-kawza tal-lum. Din hija **sintesi** ta` l-provi.

**L-attrici** tixhed illi ghall-habta ta` Settembru tal-2008, huha Carmelo li kien jghix l-Ingilterra, kien ghal btala Malta u tlewwem mal-konvenut dwar il-fond 18, Sqaq l-Ajkla, Marsa. Il-konvenut baghat ittra b`avukat lil Carmelo (ara fol. 48 tal-process) fejn fiha l-konvenut iddikjara illi kien xtara l-fond 18, Sqaq l-Ajkla, Marsa minghand l-attrici, u li Carmelo ma kellu l-ebda jedd fuq dak il-fond. Peress li ma tafx taqra, l-attrici wriet l-ittra lis-*social worker* Maria Camilleri li ssuggeritilha tkellem Nutar. Dan kien ghall-habta ta` Novembru 2008. Sar kuntatt man-Nutar Nicholas Briffa, li kienet diga` ghamlet testment ghandu. In-Nutar Briffa ssuggerixxa li jsiru ricerki. Minn dawn ir-ricerki, irrizulta li l-kuntratt tat-12 ta` Dicembru 2006 in kwistjoni.

L-attrici tinsisti li l-kuntratt kien ingann ghaliex hija qatt ma riedet tbiegh jew tittrasferixxi d-dar, lanqas lill-konvenut. U lanqas riedet taghti prokura lil hadd.

Fl-affidavit taghha, tixhed hekk –

*L-unika haga li naf hu li ftit snin ilu kont ghamilt testment fejn jien hallejt id-dar tieghi lil huti u lil hija John Agius hallejtlu wkoll li jkun jista` jibqa` jghix fiha hu wara li nigi nieqsa jien.  Pero` jidher li meta jien kont minghalija li ffirmajt dan it-testment, kont qed niffirma prokura sabiex tinbiegh id-dar tieghi.  Jien ma nafx naqra u ghandi wkoll problema bil-vista u certa li hadd ma qrali dak li ffirmajt ghalih.*

**<u>Fil-kontroezami</u>**, l-attrici tixhed illi fit-testment li kienet ghamlet fis-snin tmenin, kienet halliet illi sakemm il-konvenut jibqa` guvni kien jibqa` jghix fil-post.  Tghid illi d-dar hallietha lil hutha l-ohra wkoll.  Qalet illi wara l-kuntratt tal-2006 kienet irceviet kont ta` Lm1,400 mill-Gvern.  Il-konvenut qalilha li kien se jiehu hsieb hu.  Tghid illi ma hallsitx flus.  Tixhed illi lin-Nutar Falzon ma kenitx qaltlu bit-testment illi kienet diga` ghamlet.  Li riedet hi kien mhux li taghti d-dar lill-konvenut jew li tbieghha lilu izda li jkun jista` jibqa` god-dar u l-gebla tinqasam bejn kulhadd.

Tghid l-attrici illi xi snin qabel kienet ghamlet testment fejn halliet id-dar lil hutha u l-konvenut jibqa` jghix fid-dar wara li tigi nieqsa.  Insistiet illi dakinhar li marret ghand in-Nutar Falzon ghaliha kien sar testment u minflok sabet illi tat prokura biex tinbiegh id-dar.

**<u>In-Nutar Nicholas Briffa</u>** jikkonferma illi ghal habta ta` Novembru 2008 (ara fol. 42) kienet ikkomunikat mieghu Maria Camilleri f`isem l-attrici u tatu struzzjonijiet sabiex jaghmel ricerki dwar il-proprjeta` tal-attrici.  Ir-ricerki hargu fil-21 ta` Novembru tal-2008 (ara fol. 43 tal-

process) mnejn irrizulta li l-proprjeta` in kwistjoni kienet giet trasferita. Hu personalment kien ottjena kopja tal-att ta' trasferiment li kien pubblikat min-Nutar Pierre Falzon fit-12 ta` Dicembru 2006. Ighid ukoll illi fid-9 ta` Jannar 2008, l-attrici kienet ghamlet testment fl-atti tieghu fejn hassret it-testmenti precedenti taghha u riedet li s-successjoni taghha tkun regolata b`dak it-testment. Ma setax jiftakar id-dettalji.

**Maria Camilleri** tixhed illi kienet qrat lill-attrici l-ittra li huha Carmelo kien ircieva minghand l-avukat tal-konvenut. Meta semghetha taqra l-ittra, l-attrici qaltilha li ma kienx minnu li hija kienet bieghet il-fond lill-konvenut.

Mistoqsija mill-Qorti jekk l-attrici saritx taf b`dak it-trasferiment meta marru ghand in-Nutar Briffa sabiex jivverifikaw il-veracita` tal-kontenut ta` din l-ittra, Maria Camilleri xehdet testwalment - '*definitely, meta morna ghand in-Nutar. U ha nghidilkom hsibtha ha tmutli hemm'.*

Tixhed illi wara Settembru 2008 kellha l-inkariku biex tiehu hsieb il-*welfare* tal-attrici wara r-rikoveru tal-attrici fl-isptar. *Meta giet biex terga` tmur lura d-dar Concetta ma setghetx tidhol lura d-dar, fil-fatt s-social workers ta` Zammit Clapp kellhom jinvolvu l-pulizija ta` San Giljan ghaliex huha bnuha la ried itieha c-cavetta u ma riedx ihalliha tmur lura d-dar* (fol 32). Fil-fatt il-pulizija sgassaw ghax anke bidel is-serratura. Dan gara lejn l-ahhar tal-2007.

Skond ix-xhud, Carmelo huha ha lill-attrici l-Ingilterra izda ma setghetx tidra u giet lura Malta.

**L-Ispettur Ian Abdilla** jixhed illi fis-17 ta` Dicembru 2008, l-attrici ghamlet rapport fejn allegat li l-konvenut kien iffrodaha meta l-post taghha 18, Sqaq l-Ajkla, Marsa, kien gie trasferit lill-konvenut permezz ta` kuntratt, meta

riedet thallieh lilu b`wirt. Kien il-konvenut li hadha ghand in-Nutar Pierre Falzon fejn sar il-kuntratt. L-attrici qaltlu li la tat prokura u lanqas irceviet flus minn dak il-kuntratt. Meta kellem lill-kjamat fil-kawza, dak qallu li accetta l-prokura fuq direzzjoni tan-Nutar Falzon. La kien prezenti ghall-kuntratt u lanqas ircieva flus. Meta kellem lin-Nutar Falzon, dak ikkonferma li l-attrici riedet tittrasferixxi l-propjeta` lil huha. Il-kuntratt ma sarx dakinhar li l-partijiet marru l-ufficcju tieghu Hat-Attard ghaliex kien hemm xi dokumenti nieqsa. Ghalhekk saret il-prokura biex il-kuntratt isir l-ghada. Qallu wkoll li ma kienx sar hlas ta` flus quddiemu. Kellem lill-konvenut li qallu li ma kienx hallas Lm10,000 lill-attrici. Jidher illi l-hsieb tal-attrici kien li thalli l-post lill-konvenut wara l-mewt taghha. Skond in-Nutar Falzon, ma sarx kuntratt ta` donazzjoni ghaliex kien hemm riskju li wara l-mewt tal-attrici tqum kwistjoni mal-eredi li l-post kellu jirreverti fil-massa ereditarja tal-attrici. Ladarba kien se jkun hemm bejgh mhux donazzjoni, hut l-attrici u l-konvenut kienu jinqatghu barra.

<u>**In-Nutar Pierre Falzon**</u> xehed illi l-attrici riedet iddawwar il-post fuq il-konvenut. Sar kuntratt ta` bejgh. Ghala sar bejgh mhux donazzjoni, wiegeb hekk –

D : *Ghaddew flus imma quddiemek ?*

R : *Le, m`ghaddewx. Ifhimni ma nahsibx li kien hemm lok li jghaddu flus ghax kienet xi haga ta` bejniethom. Jien ifhimni qalulu li xtaqu jaghmlu hekk, tkellimna x`kienet jekk taghmel donation u jekk taghmel bejgh u bazikament id-differenza hija li jekk taghmel donazzjoni jekk xi darba tigi biex tbiegh hemm certu ammont ta` taxxa, meta jkun bejgh ma jkunx hemm. Jigifieri dik kienet ir-raguni li sar bejgh u mhux donazzjoni*

In-Nutar Falzon sostna li quddiemu ma ssemmewx testmenti. B`li kien se jsir huwa fiehem kollox lill-attrici. L-interess tal-attrici kien illi jekk ikollha xi darba nkwiet mal-konvenut ma tispiccax barra t-triq. Ghalhekk il-bejgh kien soggett ghall-uzufrutt tal-attrici. Dan il-fatt iddahhal kemm

fil-prokura kif ukoll fil-kuntratt. Ighid ukoll li l-interess tal-attrici kien illi jkun kollox sew biex huha ma jkollu problemi ma` hutu l-ohrajn.

In-Nutar Falzon kompla jghid illi saret il-prokura ghaliex dak il-hin fl-ufficcju ta` Hat-Attard, ma kellux il-provenjenza tat-titolu tal-attrici u ghalhekk il-kuntratt ma setax isir dakinhar. Li kien ghall-partijiet, il-kuntratt sar propju dakinhar. Il-kuntratt sar l-ghada fl-ufficcju tieghu tal-Belt. Ghall-attrici saret il-prokura favur l-iskrivan tieghu billi l-Belt kellu t-tarag u l-attrici ma setghetx titla` tarag.

In-Nutar Falzon ighid illi l-attrici *qaltli li ilni biex inhallihulu.* Insista li kieku kellu l-icken dubju ma kienx jaghmel il-kuntratt. Li kieku l-hsieb kien li jsir testment mhux kuntratt, l-att kien isir fl-ufficcju ta` Hat-Attard ghax biex jaghmel testment ma kellux bzonn tal-provenjenza.

**Fil-<u>kontroezami</u>**, in-Nutar Falzon sostna li z-zewg partijiet qablu li jsir kuntratt u li jissejjah bejgh ghalkemm fir-realta` kien donazzjoni.

**<u>Il-konvenut</u>** xehed illi hu kien jaf bit-testment illi l-attrici kienet ghamlet fl-1987. Mhux biss imam ra l-att fejn l-attrici halliet kollox lilu. Fl-2004, l-attrici nkitbet biex tmur l-Imgieret. Il-konvenut ighid hekk –

… *fl-2006 qaltli ha naghmel testment, kuntratt biex intijilek ghal kollox, biex intijielek b`kuntratt.*

Ghalih dak kien ifisser li l-attrici riedet taghti d-dar lill-konvenut waqt li ghada hajja nkella kienu johdulu d-dar hutu.

Il-konvenut kompla jixhed illi l-attrici baqghet ma marritx l-Imgieret pero` kien hemm zmien fejn kellha tidhol l-isptar.

Il-kuntratt sar biex il-post idur fuq ismu. Saret stima tal-valur tal-post fl-ammont ta` Lm10,000 mill-Perit Alex Buontempo.

Ghand in-Nutar Falzon, l-attrici tkellmet car illi ried taqleb id-dar fuqu bil-patt illi tibqa` fih sakemm tmut. L-attrici tatu Lm500. Minnhom hallas Lm480 lin-Nutar Falzon ghall-kuntratt u Lm20 bqija zammhom hu.

Kompla jixhed illi in segwitu mar il-perit tal-Gvern u stima li l-post kien jiswa aktar minn Lm10,000. Ghalhekk sar hlas addizzjonali lill-Gvern u l-attrici tatu hi stess il-flus biex ihallas bihom.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, il-konvenut ighid a fol 143 - *Qalet li trid ittini d-dar wara mewtha* (fol 143). Ikkonferma li huwa ma kien hallas xejn lill-attrici mill-Lm10,000 li ssemmew bhala prezz tal-bejgh.

**<u>Doreen Abdilla</u>** xehdet illi ghamlet zmien twil gara u habiba tal-attrici. Kienet ukoll habiba tal-konvenut. L-attrici kienet miktuba biex tidhol l-Imgieret u riedet taqleb id-dar fuq il-konvenut. Wara li sar il-kuntratt, waslu xi karti mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fejn kienu reklamati taxxa addizzjonali u penali. L-attrici stess tatha l-flus biex il-konvenut imur ihallas.

**<u>Ivan Portelli</u>** mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni pprezenta tliet dokumenti (Dok CIR1 sa CIR3) –

<u>Dok CIR1</u> huwa notifika ta` likwidazzjoni datata 1 ta` Ottubru 2007 li ntbaghtet mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni lill-attrici bhala venditrici tal-post. Hemm kienet interpellata thallas taxxa addizzjonali/penali ta` Lm1,450.

Dok CIR2 huwa avviz bid-data tas-6 ta` Dicembru 2007 li ntbaghat mill-istess Dipartiment lill-attrici fejn wara li qies l-oggezzjoni taghha ghal-likwidazzjoni (Dok CIR1) iffissa t-taxxa addizzjonali fl-ammont ta` Lm140 b`dan illi jekk il-hlas isir sat-30 ta` Dicembru 2007, l-ammont dovut kien ikun Lm14.

Dok CIR3 huwa datat 4 ta` Frar 2008 mnejn jirrizulta li l-attrici ma kien baqghalha thallas xejn lid-Dipartument tat-Taxxi Interni wara dak il-kuntratt.

**Ikkunsidrat :**

**III. L-azzjoni attrici**

Il-kawzali illi fuqha l-attrici sejset it-talbiet taghha hija li tallega li l-kunsens taghha fuq il-prokura tal-11 ta` Dicembru 2006 (li mbaghad intuzat biex sar il-kuntratt tat-12 ta` Dicembru 2006) kien ivvizzjat b`qerq u ingann *stante li dak li riedet tiffirma ghalih kien testment u hija nghatat l-impressjoni li dak li qed tiffirma ghalih kien fil-fatt testment, u mhux prokura sabiex ir-residenza taghha tigi trasferita liul huha l-intimat.* Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-31 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**Azzopardi v. Azzopardi" (PA/PS) –** "*il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed*". Din il-Qorti mela tibda billi teskludi mill-konsiderazzjonijiet taghha ghall-fini tal-kawzali u tat-talbiet kwalunkwe kwistjoni li mhijiex marbuta maghhom. Qeghda tirreferi ghall-kwistjoni jekk il-kuntratt tat-12 ta` Dicembru 2006 kienx simulat inkella le u cioe` kienx deskritt bhala bejgh meta kien intiz mill-partijiet bhala donazzjoni. Din il-materja mhijiex mertu ta` din il-kawza ghax tohrog ghal kollox barra mill-parametri tal-azzjoni kif impostathom l-attrici. Kwalsiasi prova li tolqot specifikament dik il-materja sejra tinghata konsiderazzjoni biss jekk tinvesti b`xi mod l-allegat vizzju tal-kunsens tal-attrici – u xejn izjed.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Dritt</u>**

**<u>L-Art. 974 tal-Kap.16</u>** jaqra hekk –

*Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b'eghmil doluz, ma jkunx jiswa.*

**<u>L-Art. 981(1) tal-Kap.16</u>** jaqra hekk –

*L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.*

Fis-sentenza taghha tat-3 ta` Dicembru 1919 deciza mill-Qorti tal-Appell (Kollez. Vol. XXIV.I.203) fil-kawza "**<u>Galea vs Zammit</u>**" inghad hekk –

*"I seguenti sono principi cardinali consacrati dalla giurisprudenza intorno al dolo in materia civile :*

*(1) Il mantenimento dei contratti e' di interesse generale, perche' e' principio d'ordine pubblico e di pubblica economia che i titoli di proprieta' sian fermi e stabili : siffata considerazione impone che nella causa d'impugnazione di contratto per vizio di consenso si proceda colla massima circospezione perche' non si abbia ad annullare un atto che dovrebbe rimanere in vigore.*

*(2) I principi che regolano il dolo si devono applicare con maggior rigore quando trattasi di un atto a titolo gratuito che quando trattasi di un contratto a titolo oneroso (Laurent XI,127).*

*(3) A provare il dolo bastano gli indizi e le congetture, purche' siano gravi e concordanti, si da generare la convinzione che la liberalita' o il contratto impugnato e' stato l'effetto dei raggiri usati dall'altra parte o da terzi*"

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-31 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**Camilleri vs Cachia et" (PA/PS)** saret riferenza ghal gurisprudenza –

*"(a) A costituire i raggiri non basterebbe il fatto di un predominio acquistato ed esercitato da una persona sull'altra per indurla al contratto, ma occorre un'elemento specifico costituito dalle false rappresentazioni, dagli artifizi fraudolenti, dallo inganno, usati quale mezzo per raggirare la scarsa intelligenza dell'altro contraente" – "**Giovanni Farrugia Gay -vs- Emanuele Farrugia Gay**", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1921 (Vol. XXIV P II p 578) ;*

*(b) I raggiri usati da uno dei contraente sono stati tali che senza di essi l'altra parte non avrebbe contratto" - "**Terese Galea -vs- Salvatore Bonnici**" a Vol. X pagna 592. Fi kliem iehor l-ingann irid ikun il-kawza determinanti li ta lok ghal ftehim li ghaqqad in-negozju ("**Alice Cassar Torreggiani -vs- Albert R. Manche`**", Appell Civili, 17 ta' Marzu 1958 (Vol. XLII P I p 126) ;*

*(c) Kif stabbilit fis-subinciz (2) ghall-Artikolu 981, id-dolo jew frodi ma huwa qatt prezunt izda jrid jigi pruvat minn min jallegah. Trid allura ssir il-prova li parti wahda uzat "scienter" raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi ("**Joseph Mifsud nomine -vs- Paul Tanti**" u "**Josephine mart Francis Galea -vs- Perit Walter Caruana Montaldo**", iz-zewg kawzi decizi rispettivament fl-4 ta' Frar 1965 u s-16 ta' Dicembru 1970)".*

Fis-sentenza "**Galea et vs Caruana Montaldo**" fuq riferita jinghad ukoll illi –

*... id-dolo jirnexxi meta ma jhallix il-vittma zmien u hsieb biex jirrezisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta' rezistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal kontraent l-iehor u tal-fiducja risposta fiha.*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta` Marzu 1967 fil-kawza "**Zammit et vs Farrugia et**" kien precizat illi –

*Biex azzjoni simili tirnexxi jrid qabel xejn jigi ppruvat li kien hemm dolo da parti ta' wiehed mill-kontendenti. Il-prova tad-dolo, il-ligi tghid espressament, trid issir minn min jallegah, u l-intenzjoni li tqarraq hi essenzjali ghax id-dritt modern ma jammettix dolo oggettiv 'in re ipsa' hi espressa fil-kliem tal-artikolu 1024 tal-Kodici Civili, 'inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet.' Illi fit-test Taljan ta' l-artikolu u 687 tal-Ordinanza Nru. VII tal-1868 kienu "raggiri usati da uno dei contraenti."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti **(PA/DS)** tas-6 ta` Dicembru 2002 fil-kawza "**Busuttil et vs Taliana**", inghad illi d-*dolo* jikkonsisti fir-rieda hazina ta' wiehed mill-kontraenti li topera permezz ta' qerq.

Fis-sentenza taghha tal-20 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Aquilina et vs Ellul**" **(PA/TM)** u fis-sentenza taghha tat-28 ta` Lulju 2004 fil-kawza "**Portelli et vs Felice**" **(PA/JRM)**, din il-Qorti elenkat l-erba` elementi li huma mehtiega sabiex il-qerq jivvizzja l-kunsens –

a) illi jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa, u allura l-intenzjoni li parti tqarraq bil-parti l-ohra ;

b) illi l-atti jkunu fihom infushom gravi ;

c) illi jkunu determinanti biex isir il-kuntratt ;

d) illi l-qerq ikun sehh bil-partecipazzjoni, attiva jew passiva, tal- parti l-ohra.

Il-**Laurent** fil-Vol.XV. pag.463, para.524 tal-*Principi di Diritto Civile* ighid hekk –

*Ogni vizio del consenso e` individuale e deve essere valutato sal punto di vista della persona che contratta. Il magistrato deve mettersi al posto di quella per determinare l'influenza che i fraudolenti raggiri hanno potuto esercitare sull'animo di lui.*

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

L-ewwel eccezzjoni giet superata bil-kjamata fil-kawza ta` Mark Briffa li kienet rikjesta mill-attrici, u akkolta minn din il-Qorti fl-udjenza tas-16 ta` Settembru 2011, anke ghaliex il-konvenut ma baqax jopponi t-talba tal-attrici.

Ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` din l-eccezzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>It-tieni eccezzjoni</u>**

Il-konvenut qieghed jippretendi illi z-zewg talbiet attrici kellhom ikunu preceduti minn dikjarazzjoni gudizzjarja tan-nullita` tal-prokura. Ghalhekk, skond il-konvenut, mankanti dik it-talba partikolari, it-talbiet attrici kif dedotti huma insostenibbli

Din il-Qorti m`ghandhiex tal-istess fehma bhall-konvenut.

Bl-istanza taghha, l-attrici qeghda tallega li l-prokura DOK B, li mbaghad wasslet biex sar il-kuntratt DOK C, kienet nulla ghaliex il-kunsens taghha kien ivvizzjat b`qerq, ingann u frodi. Skond l-attrici, hija garrbet ingann darbtejn u cioe` l-ewwel bil-prokura mbaghad bil-kuntratt ghaliex hija qatt ma riedet li jsir kuntratt fejn il-fond propjeta` taghha 18, Sqaq l-Ajkla, Marsa, jigi trasferit lill-konvenut li jigi huha.

Din il-Qorti tghid illi l-kunsens huwa element essenzjali ghall-esistenza tal-att. Kwindi meta jirrizulta ppruvat illi l-kunsens kien ivvizzjat, dak igib in-nullita` **assoluta** tal-att mhux semplici annullabilita`. (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – "**Frendo noe vs Chetcuti et**" – 15 ta` Jannar 1952 u Prim`Awla tal-Qorti Civili – "**Sciberras vs Zimmermann Barbaro**" – 13 ta` Frar 1946).

Ladarba hekk hu, u cioe` ladarba n-nullita` hija assoluta *ope legis*, kien bizzejjed ghall-attrici li titlob dikjarazzjoni gudizzjarja li l-kunsens taghha kien ivvizzjat, minghajr il-htiega li titlob ukoll dikjarazzjoni gudizzjarja tan-nullita` tal-att.

Ghalhekk it-tieni eccezzjoni qeghda tkun respinta wkoll.

**Ikkunsidrat :**

**VII. Mertu**

Kien kompitu difficli ghal din il-Qorti li tasal ghal decizjoni fil-kawza tal-lum. Waqt l-iter tal-kawza, li din il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma` hi mill-bidu sal-ahhar, irrizultaw divergenzi fil-verzjonijiet tal-partijiet dwar il-grajjiet li sehhew qabel u wara li sar il-kuntratt tat-12 ta` Dicembru 2006. Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi sabiex jigu determinati t-talbiet tal-attrici, abbazi tal-kawzali li pproponiet, dawk tassew rilevanti huma l-grajjiet li pprecedew il-kuntratt tat-12 ta` Dicembru 2006. Wara li sar dak il-kuntratt, sehhew diversi grajjiet, li ghalkemm *jista`* jkollhom *bearing* fuq l-imgieba tal-partijiet, ma jincidux fuq il-pern tal-kwistjoni ta` bejniethom, u cioe` kenitx l-attrici l-vittima ta` raggiri jew qerq iehor li wassalha biex kontra l-volonta` taghha tiffirma l-ewwel il-prokura u mbaghad il-kuntratt li permezz tieghu il-fond 18, Sqaq l-Ajkla, Marsa, kien trasferit a favur tal-konvenut.

Qabel ma tghaddi biex tesprimi ruhha, din il-Qorti trid tghid illi fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza '**Xuereb vs Gauci et**' il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk –

*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur" …*

Tal-istess portata kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti **(PA/TM)** tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Bugeja vs Meilak"** fejn inghad hekk –

*Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, li -*

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

*Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia" –*

*"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

(ara wkoll – "**Ciantar vs Curmi noe**" – PA/PS – deciza fit-28 ta` April 2003 u "**Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs Difesa**" - PA/PS - deciza fit-28 ta` Mejju 2003).

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-17 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Camilleri vs Borg**", kienu citati l-insenjamenti tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tal-25

ta` Frar 1952 fil-kawza "**<u>Zammit vs Petrococchino</u>**" u tal-Qorti tal-Appell (Sede Civili) tal-5 ta` Marzu 1986 fil-kawza "<u>Vassallo vs Pace</u>" fejn kien inghad illi *"l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet, imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".*

Fil-premessi, l-attrici tallega li l-kunsens taghha kien ivvizzjat billi ttiehed b`qerq u b`ingann. Ghalkemm ipprezentat il-kawza kontra l-konvenut, l-attrici ma tghidx fil-premessi illi kien il-konvenut li agixxa b`ingann fil-konfront taghha. Issemmi l-prokura li rrizulta li ffirmat a favur ta` Mark Briffa, u bhal donnu timplika li Mark Briffa kien kompartecipi fil-qerq li tallega li garrbet. Pero` meta pprezentat il-kawza, l-attrici halliet lil Mark Briffa barra. Kien biss in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut illi l-attrici talbet il-kjamata fil-kawza ta` Mark Briffa. Ghal din il-Qorti, dawn mhumiex naqriet izda fatti ta` sostanza li jolqtu lill-gudikant mad-daqqa t`ghajn u huma ndikattivi mill-bidu nett ta` incertezza fit-tehid tal-azzjoni da parti tal-attrici.

Qeghda taghmel enfasi fuq dawn il-fatti ghaliex jinkombi fuq l-attrici l-oneru tal-prova li hija kienet il-vittima ta` dolo da parti ta` xi wiehed mill-kontendenti fil-kawza. Issa fil-kawza tal-lum, il-parti avversarja ghall-attrici fil-bidu kien il-konvenut imbaghad zdied mieghu il-kjamat fil-kawza. Din il-Qorti sejra taghmel analizi tal-imgieba ta` dawn it-tnejn fil-konfront tal-attrici, u tal-provi li gabet l-attrici kontra taghhom it-tnejn. Sejra tibda mill-kjamat fil-kawza.

Irrizulta li Mark Briffa kien is-segretarju tan-Nutar Pierre Falzon. Fil-vicenda mertu ta` din il-kawza, ir-rwol tieghu kien limitat u cirkoskritt. La kien prezenti fl-ufficcju tan-Nutar Falzon go H`Attard meta saret il-prokura fil-11

ta` Dicembru 2006. U lanqas jidher li kien fl-ufficcju tal-istess Nutar tal-Belt fit-12 ta` Dicembru 2006 meta attwalment il-konvenut iffirma l-kuntratt. Iffirmax il-kuntratt fl-istess waqt illi ffirma l-konvenut ma jirrizultax kjarament mill-provi akkwiziti, pero` dan huwa dettall mmaterjali fil-kuntest tan-natura tal-azzjoni tal-lum. Jibqa` l-fatt li Mark Briffa ffirma l-kuntratt bhala venditur bis-sahha tal-prokura li kienet saret mill-attrici fil-gurnata ta` qabel. Mark Briffa ma pprezentax risposta guramentata. U lanqas issejjah bhala xhud mill-attrici jew mill-konvenut. Huwa evidenti li Mark Briffa kellu r-rwol li litteralment "*isodd it-toqob*". Ghal din il-Qorti kien rwol infelici *per dire il meno* u diskutibbli ghall-ahhar l-aktar ghaliex kien impjegat fl-ufficcju ta` nutar pubbliku li huwa ufficjal pubbliku. Il-fatt pero` li Mark Briffa accetta li haddiehor ighaddi kollox minn fuqu qisu hu ma jghodd xejn bir-rwol tieghu jkun dak illi jghid "*yes sir*" ma jfissirx illi b`hekk saret il-prova ta` dolo da parti tieghu fil-konfront tal-attrici. Dan qieghed jinghad ghaliex ma rrizultax li l-attrici kien taf jew qatt iltaqghet ma` Mark Briffa jew bil-maqlub. Kif lanqas ma rrizulta li Mark Briffa kiseb xi vantagg minn din il-kwistjoni kollha. Seta` kien imprevidenti, jew seta` kien "*qasba tixxejjer mar-rih*" pero` f`mohh dan il-gudikant, Mark Briffa ma giex ippruvat li bl-agir tieghu ried jinganna lill-attrici meta mqar kien prezenti meta saret il-prokura.

Ghal din il-Qorti ghalhekk ma hemmx il-prova tad-dolo da parti tal-kjamat fil-kawza.

Mill-mod kif impostat l-azzjoni, jidher illi l-attrici riedet tolqot lill-konvenut aktar milli lill-kjamat fil-kawza. Ghalhekk sejra tghaddi issa biex tqis il-posizzjoni tal-konvenut. Fil-konfront tieghu, kien jinkombi lill-attrici l-obbligu tal-prova illi l-konvenut ried iqarraq biha. Centrali fil-premessi tal-azzjoni attrici, li ssib risonanza fl-affidavit taghha, hija l-allegazzjoni li dakinhar tal-11 ta` Dicembru 2006, l-attrici la riedet taghmel prokura u wisq riedet taghmel kuntratt li bis-sahha tieghu l-post 18, Sqaq l-Ajkla, Marsa, idur ghal isem il-konvenut. Li riedet kien illi jsir testment. Anke jekk illum l-attrici hija misjura fl-eta`, kif

seta` jigi kostatat anke *de visu*, din l-allegazzjoni hija boghod mis-sewwa tal-fatti kif irrizultaw lil din il-Qorti.

Mhuwiex kontestat illi fl-2004 l-attrici kienet inkitbet biex tingabar l-Imgieret. Dak irrizulta li kien iz-zmien meta l-konvenut beda jirrisjedi ghal kollox mal-attrici ohtu wara li gie lura mill-Ingilterra fejn kienet ir-residenza ordinarja tieghu. Wara l-2004, l-attrici u l-konvenut kienu kuntenti bil-kumpannija ta` xulxin u jidher li dak iz-zmien il-konvenut kien il-favorit ta` l-attrici minn fost hutha, ghaliex anke jekk jidher li kien idur fuq ohtu ghas-sostentament u l-kapricci tieghu, jidher illi fih l-attrici kienet issib wens. Huwa evidenti illi matul l-2006, aktar milli mera speranza, kienet qeghda toqrob lejn ir-realta` l-possibilita` li l-attrici tmur fil-fatt l-Imgieret. Mhuwiex car x`kien li xpruna lill-partijiet biex imorru ghand in-Nutar Falzon fil-11 ta` Dicembru 2006. Li din il-Qorti hija konvinta huwa illi l-attrici ma marritx ghand in-Nutar biex taghmel testment li jiffavorixxi lill-konvenut fis-sens illi jgawdi d-dar b`hutu l-ohra ma jaghtuhx problemi. Ghal din il-Qorti, mhux hekk kien il-kaz. U ta` dan il-prova regina mhijiex jekk temminx naha jew ohra, jew thossx addirittura ghal naha jew ohra. Il-prova hija dokument li jixhed stat ta` fatt u ta` dritt u li jwaqqa` ghal kollox il-verzjoni tal-attrici.

Din il-Qorti qeghda tirreferi ghat-testment li l-attrici kienet ghamlet fit-<u>3 ta` Settembru 1987</u> fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Bugeja fejn innominat bhala *eredi universali u padrun assolut ta` gidha kollha, prezent u futur, mobili u immobili, lil huha Giovanni sive` Vanni Agius, u dana biss jekk huwa jibqa` guvni. Jekk l-imsemmi Giovanni sive` Vanni Agius jizzewweg, it-testatrici trid u tordna li huwa ma jibqax uniku eredi universali taghha, imma fil-kaz li jizzewweg it-testatrici tinnomina u tistitwixxi eredi universali u padruni assoluti ta` gidha kollha, prezent u futur, mobili u immobili, lil hutha, Emanuel, Annie mart George Zammit, Carmelo, Spiridione, Alfred kif ukoll lill-imsemmi Giovanni sive` Vanni, fi kwoti ndaqs bejniethom bis-sostituzzjoni volgari*

*ghal uliedhom u in mankanza ta` dawn bid-dritt ta` l-akkrexximent bejniethom.*

Mela ghal wara mewtha l-attrici kienet diga` pprovdiet, kwazi ghoxrin (20) sena qabel, inkluz fejn jidhol l-attur. Li allura jfisser li sabiex tiehu hsieb lill-konvenut, ma kellhiex ghalfejn fl-2006 taghmel testment li jiffavorixxi lill-konvenut, ghaliex kwazi ghoxrin (20) sena qabel kienet diga` ghamlet testment fejn kienet hasbet u hasbet tajjeb hafna fil-konvenut minghajr il-htiega li taghmel testment iehor fejn il-konvenut ikun ahjar milli diga` kien. Ghal din il-Qorti, propju ma huwa la kredibbli u lanqas verosimili illi fil-11 ta` Dicembru 2006, l-attrici riedet taghmel testment. Il-fatti jikkontrastaw dak illi tghid. Dan apparti li hemm ix-xiehda attendibbli tan-Nutar Falzon meta jghid illi li kieku tassew kien illi fil-11 ta` Dicembru 2006, l-attrici riedet taghmel testment, ma kien ikun hemm l-ebda htiega li ssir prokura ghaliex it-testment seta` sar dak il-hin u mhux isir l-ghada.

Meqjus l-assjem tal-provi, tnisslet f`din il-Qorti ic-certezza morali illi dak li riedet l-attrici kien illi tahseb ghall-konvenut matul hajjitha fil-kaz li tmur l-Imgieret sabiex hadd minn hutha l-ohra ma jkollu c-cans illi “joqsmos” u fl-istess waqt bla ma hi tispicca bla titolu kemm jekk tispicca ma tidrax l-Imgieret jew inkella titlewwem mal-konvenut. F`dan il-kuntest, ix-xiehda tan-Nutar Falzon hija kredibbli. Mhuwiex il-kompitu ta` din il-qorti illi tghid jekk ottemperax ruhu mal-obbligi tieghu bhala ufficjal pubbliku meta ppropona li minflok kuntratt ta` donazzjoni jsir kuntratt ta` bejgh. Dik materja li tista` tkun il-mertu ta` kawza ohra, pero` mhux ta` din il-kawza, fil-parametri delineati mill-attrici. Jigi pero` fl-istess waqt rilevat illi l-intenzjoni tal-attrici kienet illi tghaddi l-post lill-konvenut qabel ma tmur l-Imgieret b`dan illi jkollha mohha mistrieh minn titolu jekk jinqala` l-ghawg. U hekk sar. Id-dritt tal-uzufrutt tal-attrici mhux biss kienet mhares fil-kuntratt izda sahansitra fil-*wording* tal-prokura. Dak kien l-interess tal-attrici. U hekk sar.

Huwa propju ghalhekk illi din il-Qorti hija sodisfatta li ma hemmx il-prova ta` ingann kommess fil-konfront tal-attrici.

Huwa minnu li fid-9 ta` Jannar 2008 l-attrici rega` ghamlet testment iehor, din id-darba fl-atti tan-Nutar Nicholas Briffa, li d-dettalji tieghu baqghu njoti, ghaliex hadd mill-partijiet ma talabhom. Jidher ukoll li l-attrici ghamlet dak it-testment wara li kienet rikoverata l-isptar u wara li marret lura d-dar u sabet is-serratura mibdula (ara x-xiehda ta` Maria Camilleri). Eppure huwa veru wkoll illi l-irwiefen nqalghu lejn l-ahhar tal-2008 meta Carmelo hu attrici u l-konvenut ircieva l-ittra tal-avukat tal-konvenut.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni.**

**Tichad it-tieni eccezzjoni.**

**Tilqa` r-raba` eccezzjoni.**

**Tichad it-talbiet attrici.**

**Tordna lill-attrici sabiex thallas l-ispejjez ta` din il-kawza, hlief ghall-ispejjez relattivi ghat-tielet eccezzjoni illi, skond is-sentenza taghha tas-16 ta` Settembru 2011, ghandhom jibqghu a kariku tal-konvenut wahdu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------